MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 75/2004

**Auto Sales Limited**

**vs**

**Carmelo Penza**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tnejn u sebghin Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (LM1,772.63,0) rapprezentanti l-bilanc dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' kambjalijiet ffirmati minnu u skaduti. (Dok A);**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata ta' Dicembru tas-sena 2003 bl-imghax legali;**

**Il-konvenut hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-24 ta’ Marzu tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------